MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Numru 1039/2008

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN J. GATT
VS
NAZZARENO ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Nazzareno Zammit ta’ 58 sena, iben Spiro u Theresa Zahra, imwieled Marsa fil-14 ta’ Frar 1950 u joqghod fuq dghajsa bl-isem ta’ Carolina marbuta ma Patoon H, Numru 24, Ix-Xatt ta’ Ta’ Xbiex, Ta’ Xbiex detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 193650(M)

Illi huwa akkuzat talli fid-9 ta’ Mejju 2007 gewwa Ta’ Xbiex ghal habta tas-1:15pm, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg ta’ David (David Dillon) Xuereb u cioe’ nuccali tal-marka Rayban, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma jkunx jiskorri l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu imma izjed

minn mija sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu ghad-detriment ta’ David (David Dillon) Xuereb.

Illi huwa akkuzat talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ David (David Dillon) Xuereb hekk kif iccertifika Dr. Mark Camilleri M.D.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti ezebiti, l-Atti kollha tal-kas.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi in segwitu ta’ l-akkuzi ta’ hsara volontarja fuq nuccali tax-xemx a detriment ta’ David Dillon Xuereb, l-istess David Xuereb xhed illi l-imputat hallas ghal hsara li wettaq u li hu (David Xuereb) kien lest li jahfer lill-imputat u jirrinunzia ghall-azzjoni kriminali.

Illi dana kollu gie kkonfermat mill-Prosekuzzjoni.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------